



Brussell, 9 ta' Ġunju 2026  
(OR. en)

9915/26

**ECOFIN 709**  
**UEM 196**  
**ECB**  
**EIB**

**NOTA**

---

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill  
lil: Kumitat tar-Rappreżentanti Permanenti/Kunsill

---

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL li tħassar d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE)  
2024/2128 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta

---

## DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL

### li tħassar d-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2128 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta

IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidra t-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE), u b'mod partikolari l-Artikolu 126(12) tiegħu,

Wara li kkunsidra r-rakkomandazzjoni mill-Kummissjoni Ewropea,

Billi:

- (1) L-Artikolu 126(1) TFUE jipprevedi li l-Istati Membri għandhom jevitaw defiċits eċċessivi tal-gvern.
- (2) Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir huwa bbażat fuq l-objettivi ta' finanzi governattivi sodi u sostenibbli bħala mezz sabiex jissaħħu l-kundizzjonijiet għall-istabbiltà tal-prezzijiet u għal tkabbir b'saħħtu, sostenibbli u inklużiv mirfud minn stabbiltà finanzjarja, u b'hekk jappoġġa li jintlaħqu l-objettivi tal-Unjoni għal tkabbir u impjegi sostenibbli. Il-Patt ta' Stabbiltà u Tkabbir jinkludi r-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997<sup>1</sup> dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv, li kien adottat sabiex jgħin il-korrezzjoni fil-pront tad-defiċits eċċessivi tal-gvern estiż.
- (3) Fis-26 ta' Lulju 2024, il-Kunsill adotta d-Deċiżjoni (UE) 2024/2128<sup>2</sup> skont l-Artikolu 126(6) TFUE dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta minħabba nuqqas ta' konformità mal-kriterju tad-defiċit.

---

<sup>1</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1467/97 tas-7 ta' Lulju 1997 dwar li titħaffef u li tiġi ċċarata l-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv (ĠU L 209, 2.8.1997, ELI: <http://data.europa.eu/eli/reg/1997/1467/2024-04-30>) kif emendat l-aħħar bir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2024/1264 tad-29 ta' April 2024 (ĠU L, 2024/1264, 30.4.2024).

<sup>2</sup> Id-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) Nru 2024/2128 tas-26 ta' Lulju 2024 dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv f'Malta (ĠU L 2024/2128, 01.08.2024, ELI: <http://data.europa.eu/eli/dec/2024/2128/oj>).

- (4) Fil-21 ta' Jannar 2025, il-Kunsill adotta Rakkomandazzjoni skont l-Artikolu 126(7) TFUE<sup>3</sup> bil-ħsieb li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv tal-gvern. Il-Kunsill irrakkomanda perkors korrettiv għal Malta f'konformità mal-Artikolu 3(4) tar-Regolament (KE) 1467/97 bir-rati massimi annwali ta' tkabbir tan-nefqa netta li ġejjin<sup>4</sup>: 6.0 % fl-2025, 5.8 % fl-2026 u 5.8 % fl-2027. Dan jikkorrispondi għar-rati ta' tkabbir kumulattivi massimi kkalkulati b'referenza għall-2023 ta' 13.8 % fl-2025, 20.4 % fl-2026, u 27.4 % fl-2027. Dawn kienu l-istess rati ta' tkabbir annwali u kumulattivi għall-2025–2027 stabbiliti fir-Rakkomandazzjoni li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ta' Malta.<sup>5</sup> Abbażi tat-Tbassir tal-Ħarifa 2024 tal-Kummissjoni li sostna din ir-rakkomandazzjoni u l-qafas ta' projezzjoni tad-dejn tal-gvern fuq terminu medju tal-Kummissjoni, l-aderenza ma' dan il-perkors korrettiv kienet mistennija li twassal għal defiċit li ma jibqax jaqbeż il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG sal-2027.
- (5) F'konformità mal-Artikolu 126(12) TFUE, deċiżjoni tal-Kunsill dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv trid titħassar meta, fil-fehma tal-Kunsill, tkun saret korrezzjoni tad-defiċit eċċessiv fl-Istat Membru kkonċernat.

---

<sup>3</sup> Ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 bil-għan li tintemm is-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv f'Malta. Id-dokumenti kollha relatati mal-proċedura tad-defiċit eċċessiv ta' Malta jinsabu hawn: [https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-governance-framework/stability-and-growth-pact/corrective-arm-excessive-deficit-procedure/excessive-deficit-procedures-overview/Malta\\_en](https://economy-finance.ec.europa.eu/economic-governance-framework/stability-and-growth-pact/corrective-arm-excessive-deficit-procedure/excessive-deficit-procedures-overview/Malta_en).

<sup>4</sup> Skont l-Artikolu 2(2) tar-Regolament (UE) 2024/1263, "nefqa netta" tfisser in-nefqa tal-gvern, netta min-nefqa fuq l-imgħax, mill-miżuri tad-dħul diskrezzjonali, min-nefqa fuq programmi tal-Unjoni ffinanzjati bis-sħiħ mid-dħul tal-fondi tal-Unjoni, min-nefqa nazzjonali fuq il-kofinanzjament ta' programmi ffinanzjati mill-Unjoni, mill-elementi ċikliċi tan-nefqa fuq il-benefiċċji tal-qgħad, u minn miżuri ta' darba u miżuri temporanji oħra.

<sup>5</sup> Ir-rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ta' Malta (ĠU C, C/2025/649, 10.02.2025, ELI: <http://data.europa.eu/eli/C/2025/649/oj>).

- (6) F'konformità mal-Artikolu 4 tal-Protokoll Nru 12 dwar il-proċedura ta' defiċit eċċessiv, anness mat-Trattat tal-Unjoni Ewropea u t-TFUE, il-Kummissjoni tipprovdi d-data għall-implimentazzjoni tal-proċedura ta' defiċit eċċessiv. Bħala parti mill-applikazzjoni ta' dak il-Protokoll, l-Istati Membri jridu jirrappurtaw id-data dwar id-defiċit u d-dejn tal-gvern kif ukoll varjabbli assoċjati oħra darbtejn fis-sena, jiġifieri qabel l-1 ta' April u qabel l-1 ta' Ottubru, f'konformità mal-Artikolu 3 tar-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009<sup>6</sup>.
- (7) Il-Kunsill jieħu deċiżjoni biex iħassar deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv abbażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni. Jenħtieġ li Deċiżjoni dwar l-eżistenza ta' defiċit eċċessiv minħabba nuqqas ta' konformità mal-kriterju tad-defiċit titħassar biss jekk id-defiċit ikun tnaqqas għal taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG u l-previżjonijiet tal-Kummissjoni jindikaw li d-defiċit ser jibqa' hekk fis-sena attwali u fis-sena ta' wara, f'konformità mal-Artikolu 8(3) tar-Regolament (KE) Nru 1467/97.

---

<sup>6</sup> Ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 479/2009 tal-25 ta' Mejju 2009 dwar l-applikazzjoni tal-Protokoll dwar il-proċedura tal-iżbilanċ eċċessiv anness mat-Trattat li jstabilixxi l-Komunità Ewropea (ĠU L 145, 10.6.2009, p. 1) kif emendat l-aħħar mir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 220/2014 tas-7 ta' Marzu 2014 (ĠU L 69, 8.3.2014, p. 101–101).

- (8) Abbażi tad-data pprovduta mill-Kummissjoni (Eurostat) f'konformita mal-Artikolu 14 tar-Regolament (KE) Nru 479/2009, wara r-rappurtar ta' April 2026 minn Malta<sup>7</sup>, u mit-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni, jistgħu jinsiltu l-konklużjonijiet li ġejjin:
- Wara li laħaq 3.4 % tal-PDG fl-2024, l-iżbilanċ ġenerali tal-gvern niżel għal 2.2 % tal-PDG fl-2025, u b'hekk taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG. Id-defiċit tal-gvern fl-2024 kien jinkludi trasferiment kapitali mdaqqas lill-kumpanija tal-ajru nazzjonali. Minkejja n-nuqqas ta' ripetizzjoni ta' dak it-trasferiment ta' kapital, in-nefqa tal-gvern kibret sostanzjalment fl-2025, inkluż bħala riżultat ta' żidiet imdaqqsa fl-infiq fuq il-konsum intermedju u l-kumpens tal-impjegati, kif ukoll nefqa ta' darba li tirriżulta minn deċiżjoni tal-qorti. Għalhekk, it-tnaqqis fid-defiċit kien prinċipalment xprunat minn tkabbir qawwi fid-dħul tal-gvern, xprunat minn tkabbir nominali tal-PDG u minn dħul sinifikanti mhux mistenni mit-taxxa. Meta mqabbel mad-defiċit ippjanat għall-2025 irrappurtat fir-rappurtar ta' Ottubru 2025, id-defiċit tal-2025 kien ta' 1.1 pp. tal-PDG inqas, minħabba nfiq ta' investiment aktar baxx milli ippjanat u dħul aktar b'saħħtu milli mistenni mit-tassazzjoni korporattiva.
  - It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta defiċit ta' 2.2 % tal-PDG fl-2026 u 2.1 % tal-PDG fl-2027, u b'hekk jindika li d-defiċit jibqa' taħt il-valur referenzjarju ta' 3 % tal-PDG. Il-projezzjoni ta' proporzjon tad-defiċit ġeneralment stabbli tirrifletti l-aspettattivi ta' tkabbir imdaqqas kontinwu fin-nefqa, inkluż bħala riżultat tal-kost oġġla tas-sussidji tal-enerġija, li jikkumpensaw għal dħul oġġla minn kundizzjonijiet ekonomiċi favorevoli. Fir-rappurtar ta' April 2026, Malta rrappurtat defiċit ippjanat tal-gvern estiż għall-2026 li jonqos għal 1.6 % tal-PDG.

---

<sup>7</sup> Ara l-indikaturi tal-Euro tal-Eurostat tat-22 ta' April 2026  
<https://ec.europa.eu/eurostat/web/products-euro-indicators/w/2-22042026-ap>.

- (9) Abbażi tal-kalkoli tal-Kummissjoni<sup>8</sup>, in-nefqa netta f'Malta kibret b'5.6 % fl-2025 u bi 22.2 % b'mod kumulattiv matul l-2024 u l-2025. Ir-rata ta' tkabbir tan-nefqa netta fl-2025 hija taħt ir-rata massima annwali ta' tkabbir rakkomandata. Madankollu, meta jitqiesu l-2024 u l-2025 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv tan-nefqa netta hija oġġla mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 2.3 % tal-PDG. Ir-rata għolja ta' tkabbir fin-nefqa netta fl-2024 kienet xprunata mit-trasferiment kapitali msemmi hawn fuq lill-kumpanija tal-ajru nazzjonali. In-nefqa netta f'Malta hija pproġettata li tikber b'6.1 % fl-2026 u b'29.7 % b'mod kumulattiv matul l-2024, l-2025 u l-2026. Ir-rata għolja ta' tkabbir fin-nefqa netta pproġettata fl-2026 hija għola mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 0.1 % tal-PDG f'termini annwali. Meta jitqiesu l-2024, l-2025 u l-2026 flimkien, ir-rata ta' tkabbir kumulattiv ipproġettata tan-nefqa netta hija oġġla wkoll mir-rata massima ta' tkabbir rakkomandata, li tikkorrispondi għal devjazzjoni ta' 2.2 % tal-PDG f'termini kumulattivi.
- (10) Il-proporzjon tad-dejn tal-gvern għall-PDG żdied minn 45.9 % fi tmiem l-2024 għal 46.4 % tal-PDG fi tmiem l-2025, u b'hekk baqa' taħt il-valur referenzjarju ta' 60 % tal-PDG. It-Tbassir tar-Rebbiegħa 2026 tal-Kummissjoni jipprojetta li dan jonqos għal 46.2 % sa tmiem l-2026, xprunat mid-defiċit primarju aktar baxx u l-"effett valanga" mit-tkabbir tal-PDG reali u l-inflazzjoni.
- (11) Fil-fehma tal-Kunsill, id-defiċit eċċessiv f'Malta ġie korrett u għalhekk jenħtieġ li d-Deċiżjoni (UE) 2024/2128 titħassar.
- (12) Ir-revoka tad-Deċiżjoni tal-Kunsill (UE) 2024/2128 tagħmel ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 skont l-Artikolu 126(7) TFUE obsoleta. Minflok, tkompli tapplika r-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-21 ta' Jannar 2025 li tapprova l-pjan fiskali-strutturali nazzjonali fuq terminu medju ta' Malta; għalhekk, jenħtieġ li Malta tiżgura li t-tkabbir fin-nefqa netta ma jaqbiżx il-massimu rakkomandat stabbilit fil-punt 1 u fl-Anness I ta' dik ir-Rakkomandazzjoni tal-Kunsill.

---

<sup>8</sup> Tabelli Statistiċi Fiskali li jipprovdu data ta' sfond rilevanti għall-valutazzjoni tal-politiki baġitarji tal-Istati Membri, SWD(2026) 200 final, Brussell, 3.6.2026.

ADOTTA DIN ID-DEĊIŻJONI:

*Artikolu 1*

Minn valutazzjoni kumplessiva jirriżulta li s-sitwazzjoni ta' defiċit eċċessiv f'Malta ġiet ikkoreġuta.

*Artikolu 2*

Id-Deċiżjoni (UE) 2024/2128 hija b'dan revokata.

*Artikolu 3*

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lir-Repubblika ta' Malta.

Magħmul fi Brussell,

*Għall-Kunsill*

*Il-President*

---